MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tas-17 ta' Jannar, 2012

Numru. 873/2006

**PULIZIJA**
**SPETTUR MARISA ZAMMIT**
**VS**
**MANUEL MIFSUD**
**EMMANUEL MIFSUD**
**TOMMY MIFSUD**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Anthony Mifsud bin Anthony u Mary nee’ Mifsud, imwieled Siggiwi fi 18 ta’ Frar 1944 u residenti fl-indirizz ‘Bessy’, Triq il-Mejjilla, Qormi, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 214944 (M).

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Emmanuel Mifsud bin Manuel Mifsud u Sebastiana nee’ Camilleri, imwieled Attard fl-10 ta’ Awissu 1968 u residenti fl-indirizz,

‘Merhba’, Triq il-Gebbieda, Qormi, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 370268 (M).

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tommy (Thomas) Mifsud bin Manuel Mifsud u Sebastiana nee’ Camilleri, Pieta fis- 16 ta’ Awissu 1976 u residenti fl-indirizz, ‘Maria’ Triq il- Habbiez Qormi, detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 473476 (M).

Illi huma akkuzati talli fl-24 ta’ Gunju 2006 ghall-habta ta’ 8.30 a.m. gewwa Hal-Qormi ikkagunaw offizi ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Alan Farrugia skond kif iccertifikat Dr. Maria Gatt M.D. ta’ centru ta’ sahha Floriana.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebbew sabiex jingurjaw, idejqu jew ghamlu hsara lil istess Alan Farrugia u heddidtuh bi kliem.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli u dan billi ghamlu hsara fil-cash register tal-ghamla Sweda u marka Spaziouno u fit-tilari tal-injam liema hsara komplessivament ma tiskorrix il-hames mitt lira, izda hija t’aktar minn hamsin lira ghad-dannu ta’ l-istess Alan Farrugia.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi m’obdewx ordnijiet leggittimi tal-awtorita’ jew ta’ wiehed li kien inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallewx jew fixxklux waqt li kienu qed jaghmlu id-dmirijeit taghhom jew b’ xi mod iehor bla jedd indahlu fi dmirijiet ta’ PS 160 u PC 1557.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi iggestjew xi attivita’ kummercjali
minn post fiss fis-suq bil-berah ta’ Hal-Qormi minn sit li ma kienetx allokata lilkhom
mill-Kunsill Lokali ta’ Hal-Qormi.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-paci
pubblika b’ghajjat u glied.

Il-Qorti hija gentilment mitluba illi f'kaz ta'htija, tipprovdi ghas-sigurta ta'Alan Farrugia u l-familja tieghu u dan skond kif hemm indikat fl-Artikolu 283 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali u dak ta' l-imputati , sabiex il-kaz jigi ttrattat bi procedura somarja,

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Spettur Marisa Camilleri ( a fol 33 et seq) xhedet illi fil-24 ta' Gunju 2006, Alan Farrugia kien irregistra rapport l-Ghassa tal-Pulizija fis-sens li l-imputat Thomas Mifsud kien qieghed jarma fil-bicca mill-kaxxa tieghu.

PS 160, PC  1557 nizlu sal-monti ta' Hal Qormi, sabu l-imputat, u tawhom struzzjonijiet sabiex jnehhu l-affarijet taghhhom mill-kaxxa ta'Alan Farrugia. L-imputat wiegbu li ma setghax jaghmillu dan ghaliex kien jaghlqu li jingumbraw lil bejjiegha ohra tal-monti.  Il-Pulizija telqu minn fuq il-post u bdew mixjin l-isfel u  twaffqu min-nies li qalulhom li  kienet sehhet glieda.  Il-pulizija regghu telghu, arrestaw lill Emmanuel (Junior) u Tommy, u hallew lil missier jindokra hwejjighom peress li Alan Farrugia rraporta li hebbew ghalih, t-tilar spicca mal-art bil-konsegwenza ta'hsarat,

Settur Camilleri xhedet illi l-imputai nnegaw illi aggredew lill Farrugia u qalu li Farrugia wegga meta pprova jahrab u qaleb it-tilar.

Fl-istqarrija tal-imputati gew ezebiti DOK MC1, 2 , 3 flimkien ma MC 4 , 5, 6,7  ricevuta tal-hsarat sofferti minn Farrugia.

Ic-Certifikat Mediku ta’ Farrugia huwa ezebit DOK M.

Spettur Camilleri xhedet kif bdiet din il-kwistjoni. Spettur Camilleri xhedet li l-Kunsill tal Hal Qormi kien alloka kaxxex ghal *hawkers* permess ta’ *Legal Notice* “pero ghal xi raguni jew ohra ma gewg ikkalkulati l-affarijiet, jekk kulhadd jarma f’postu jigu maghluqin il-kaxex u ma jistax jidhol jew johrog haddiehor…” ( a fol 35)

Fl-istqarrija taghhom l-imputati ddikjaraw li l-Kunsill Lokali ta’ Hal Qormi kien ghamel pjanti godda ta’ kaxxex li fihom kellhom jarmaw il-*hawkers* u ikkrejaw problemi kbar lill istess *hawkers*. Kien gie MP Edwin Vassallo u taghhom permess jarmaw fuq il-linju antiki u kulhadd kien kuntent inkluz Alan Farrugia. Kien cempel lis-Sindku biex jinforma b’ilment ta’ Farrugia , kienu qed jidhlu fil-kaxxa tieghu. S-Sibt ta’wara l-impuati ressqu il-van taghhom , u tallbu ghal-approvazzjoni ta’Farrugia izda dan ma tkellimx.

Regghu gew il-Pulizija u mexxewhom skond il-Ligi l-godda u huma nformaw lil Pulizijia. B’dak li qalilhom Vassallo u l-Pulizija mar jiccekkja l-affarijiet mal-Kunsill. Wara li mxew il-Pulizija, missier l-imputat qal lil Farrugia ghaliex mar jirraporta lill-Pulizija ghaliex dejjem kienu jirrangaw bejniethom. Alan kien qallu li hu ma kienx mar jirraporta. Alan laqghat it-tilar u telaq jigri u waqa’. L-imputat Thomas Mifsud baqa’ jaqdi in-nies u m’ghamel xejn lill Farrugia. Pero l-Pulizija xorta wahda arrestawh. Emmanuel Mifsud (Junior) afferma wkoll li fl-ebda hin ma mess lill-Farrugia, pero gholla lehnu. Lanqas ma resaq lejh. Emmanuel Mifsud iddikjara li huwa obda lill-Pulizija u mar l-ghassa maghhom.

Missier l-imputati , huwa gholla lehnu ma Farrugia, meta telqu l-Pulizija l’Farrugia gholla t-tilar u Emmanuel Mifsud kien sejjer ghal Farrugia izda wliedu zammewh. Alan telaq jigri u waqa’.

Emmanuel Mifsud (Senior) qal lill- Pulizija li uliedu ma kienux involuti izda il-Pulizija xorta arrestawhom.

Giet ezebita l-okkorenza DOK PS.

PC 1557 Jeffrey Sacco ( a fol 52 et seq) kkonferma x-xhieda ta' Spettur Camilleri u l-kontenut tal-okkorenza DOK PS.

Raymond Cutajar ( a fol 54 et seq) xhed illi jahdem ma Alan Farrugia, u li ma kienx prezenti waqt li gew il-Pulizija, ghaliex mar jixtri pakkett sigaretti. Kkonferma il-problema li l-hawkers ghandhom fuq il-monti tal-*layout* tal-kaxxex il-godda u li Thomas Mifsud hawker li jarma adjacenti ma Alan Farrugia okkupa bicca mil-kaxxa ta' Alan Farrugia – circa pied u nofs – zewg piedi, mill-kaxxa ta' tletin pied. L-indirizz bil herra ta' Emannuel Mifsud senior lil Farrugia li gabulhom il-Pulizija u avvicinah, u hebb ghalih. Dan il hin daru ghlih uliedu u bdew jiggieldu mieghu, girfuh u kif kienu sejrin f'posthom, Thomas gholla t-tilar ta' Farrugia u ghamel xi hsarat fil-*cash register* ( a fol 55 u 56).

Raymond Cutajar indika u gharaf it-tlett imputati Mifsud.

Alan Farrugia (a fol 59) xhed illi huwa bejjiegh fuq il-monti u jarma fuq il-monti ta' Hal Qormi nhar ta' Sibt fil-kaxxa allokata lilu mill-Kunsill u cioe kaxxex numri 157, parti minn 156 u ezebixxa permess AF.

Huwa xhed li l-imputati Mifsud jarmaw hdejh, waqt li numri 158, 159, 170, u 171 ( vide AF1). Huwa xhed li l-imputati Mifsud kienu qeghdin jidhlu fil-parti tal-kaxxa tieghu li tidher indikata fid-DOK AF1 li qedgha kulurita bil-griz u l-isfar.

Alan Farrugia xhed illi ppruvaw jirrangaw mas-Sindku izda ma wasslux u is-Sindku baghtu jaghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija u hekk ghamel.

Farrugia xhed illi l-Pulizija nizzlu fuq il-monti u taw struzzjonijiet lill-imputati Mifsud, hadu l-particulars tahhom u telqu. Sussegwentament gie Emmanuel Mifsud (Senior) jistaqsi min ghamel rapport kontra tieghu mal-Pulizija, ipprovat tintercedi ghall-Farrugia l-istess mara ta'

Emmanuel Mifsud , li spiccat qalghet daqqa fuq sidirha u warrabha :

**"F'daqqa wahda gibidni minn quddiem, hatafni, tela' ghalijja, ghadda minn fuq it-tilari tieghi u gibidni mil-flokk jigifieri. Tant hu hekk illi girifni jigifieri u weggani wkoll, qattli l-flokk …. ghamilli hsara…. fil-wire tal-*cash register*…."**
**(** a fol 62)

Wara dan iz-zewg imputati l-ohra daru wkoll ghal fuqu u hu kien qieghed jipprova jjiddefendi ruhu. Meta raw li l-Pulizija gejjien lura Thomas Mifsud gholla it-tilar ta'Farrugia l-imputati Mifsud infirxu, waqt li Farrugia spicca bit-tilar u l-merkanzija mal-art.

Gie ezebit certifikat mediku u flok imcarrat ta'Farrugia. Gew ezebiti DOK MC4 , MC 5 u MC 7, ritratti tal-hsarat ezebiti.

Jesmond Aquilina , Sindku ta Hal Qormi, (a fol 72) ikkonferma DOK AF u AF 8 permess u fotokopja tal-gazzetta tal-Gvern dwar l-allokazzjonjiet tal-*hawkers* tal-monti ta' Hal Qormi. Is-Sindku ikkonferma li kien ircieva telefonata minghand Alan Farrugia dwar l-allokazzjoni u li hu tah parir sabiex jasal ghal- arrangement bonarju, u li ghalhekk kien cempel lill-imputat Tommy Mifsud u heggu jilhaq kompromess. U fin-nuqqas kellhom jirrekorri ghand il-Pulizija.

Mark Zammit segretarju tal-Assocjazzjoni tal-bejjiegha tal-monti li nforma lill-Qorti dwar kif kienu gew ridizinjati l-allokazzjonijiet tal-monti bl-involvivent ta' Edwin Vassallo li henn fit-tfissil ta' din il-pjanta, pero kien il-Kunsill li hareg dawn il-pjanti. Zammit xhed illi l-Assocjazzjoni ma qablitx mal-pjanta tal-kaxxex godda il ghaliex il-*hawkers* kien jarmaw b'tilar u bil vettura warajhom u whud mil-kaxxex pjantati ma kienux jiprospettaw it-tqeghid tal-vettura. Zammit xhed illi l-Assocjazzjoni kellha diversi problema mal-Kunsill ta' Hal Qormi.

PC 121 Josef Vassallo ikkonferma l-istqarriji tal-imputati Mifsud.

Giet ezebita stima ta’ LM89.89.

Roderick Mangion, mastrudaxxa kkonferma illi huwa sewwa xi tilari mkissra ta’ Alan Farrugia u kkonferma MC5.

Jesmond Aquilina (a fol 109) ikkonferma illi l-problema principali kienet illi meta gew ridizinjati il-kaxxex , kienet ittiehdet lista tal-*hawkers* prezenti u min ghal xi raguni jew ohra ma kienx armat f’dik il-gurnata thalla barra.

Is-Sindku xhed illi post allokat ghall-*hawker* jista’ jigi trasferit biss mill-istess *hawker.* Ikkonferma illi lista gdida tal-*hawkers* bil-kaxxex godda allokati gie pubblika fil-gazzetta tal-Gvern, u dik kienet il-lista ufficjali.

A fol 117 Jesmond Aquilina ikkonferma li l-pubblikazzjoni tal-gazzetta tal-Gvern dwar l-allokazzjonijiet tal-*hawkers* giet ippublika fl-4 t’ Ottubru 2007, u ikkonferma il-kaxxex tal-imputati.

Is-Sindku Aquilina xhed illi kien jiftakar li kien cempillu Alan Farrugia li kellu problema mal-*hawker* Tommy Mifsud li kien jarma hdejh , li kien :
“Qed jibza’ li ha jeddhu b’sikkina jew b’xi haga ohra.”

Is-Sindku Aquilina ma kienx cert pero jaf illi issemmew is-skieken, issemmew it-theddid pero Aquilina ma kienx cert jekk it-theddida kienet bis-skieken. Is-Sindku ikkonferma li igwida lill-Farrugia lejn il-Pulizija.

Clifton Grech (a fol 124 et seq), *hawker* fuq il-monti ta Hal Qormi xhed illi hu jarma hdejn l-imputat Mifsud. Grech xhed illi Emmanuel Mifsud (senior) kien mar ikellem lill Farrugia li laqa’ bit-tilar waqt illi Tommy gibed lil missieru lura sabiex dan ma jinkwetax. Grech xhed illi Alan Farrugia telaq jigri u tgerfex fil-hadid. Huwa ikkonferma li meta gew il-Pulizija fit-tieni okkazzjoni arrestaw lill Tony u Emmanuel Mifsud (junior). A fol 127 Grech innega li

jahdem mal-imputati Mifsud, pero afferma illi “kien iqis” ruhu “parti minnhom, ma kontx lavrant pero”.(a fol 127) jew kien jaghti daqqa t’id ( a fol 128).

L-imputat Manuel Mifsud (a fol 131 et seq) xhed illi kien gie il-membru tal-Parlamanet Edwin Vassallo li qal lill bejjiegha kollha tal-monti ta’ Hal Qormi li kellhom jarmaw fuq il-linji antiki. Manuel Mifsud xhed illi kienu gew is-Surgent u zewg Pulizija dak iz-zmien u tawh ordni biex izarm. Manuel Mifsud, wiegbu li hu kien armat skond dak li qallu Edwin Vassallo u ghalhekk ma zarmawx. Wara li telqu il-Pulizija , Mifsud xhed illi avvicina lill Farrugia u talbu jghid jekk kienx hu li gab il-Pulizija. Mifsud xhed illi Farrugia gholla naqra it-tilar tieghu stess, qaleb xi hwejjeg mal-art, hezzezz it-tilar u qallu il-kliem “issa tkun taf min gab il-Pulizija”. Manuel Mifsud xhed illi ibnu Tommy gibdu lura u qallu biex ma jinkwetax, u Farrugia, kief ra lill Emmanuel gej jigri ukoll harab, tfixkex, waqa’ pero qam malajr. Dak il-hin reggghu gew il-Pulizija u arrestaw lill Tommu u Manuel. Manuel Mifsud (senior) xhed illi huwa beda jghid il-Pulizija li kellhom jarrestaw lilu u mhux lill uliedu. Emmanuel Mifsud xhed illi Roderick Galdes qal li l-Ispettur qallu li l-imputati kienu kriminali (a fol 139). Mifsud innega illi hu jew it-tfal tieghu kienu jisporgu mil-kaxex tal-hawkers destinati ghalihom, jew li inpingu fuq dawk ta’ Alan Farrugia (a fol 142) Mifsud (senior) xhed illi meta regghu gew il-Pulizija huwa ma nnotax *cash register* u hwejjeg ta’ Farrugia mal-art.

Emmanuel Mifsud xhed illi huwa kellu vuci gholja u li lehmu minnu jghajjat u li pero dan ma jfissirx illi kien qieghed jiggieled. Mifsud kompla jghid illi qatt ma pretenda rapport mil-kwerelant il ghaliex huwa kien jitratta lil Farrugia bhala membru tal-familja.

L-imputat Thomas Mifsud xhed illi kien kellem lis-Sindku u qallu illi l-bejjiegha kienu se jarmaw kif kien qallilhom Edwin Vassallo. Is-Sindku staqsih jekk kellux problema ma’ Alan Farrugia, u nfurmah li kien ser jara x’kienet il-problema. Thomas Mifsud ikkonferma illi talab lil Alan Farrugia jghidlu x’kienet il-problema, dan qallu biex iressaq ftit. Thomas Mifsud ressaq kemm seta’ u nfurmah

li ma setghax jersaq iktar inkella jinghalaq bejn it-*truck* u tilar. Thomas Mifsud xhed illi is-Sindku qallu illi Alan Farrugia kien qieghed jibza' li ser jaqla xi daqqa ta' sikkina. Thomas Mifsud xhed illi huwa wara likien kellem lil Farrugia, rega' cempel lis-Sindku sabiex jassikura illi ha risposta minghand Farrugia. Mifsud xhed illi meta kienu gew il-Pulizija it-tieni darba hu kien qieghed iservi n-nies u qabdu u arrestawh. Mifsud xhed illi huwa kien gie immanetjat minkejja li kien ghadu kif ghamel operazzjoni f'idejh. In kontro ezami Tommy Mifsud xhed illi huma jaqtaw il-haxix kbir b'sikkina. Ikkonferma illi meta gew il-Pulizija talbuh biex jersaq u jidhol fil-kaxxex pinguti mal-art. Ll-imputat ikkonferma illi kieku ghamel hekk huwa kien jaghlaq lil kulhadd il ghaliex kien hemm *hawkers* ohrajn. Tommy Mifsud xhed illi meta spjega lill-Pulizija li huwa kien armat skond il-linji gwida li gew moghtija lillhom minn Edwin Vassallo, il-Pulizija tawh ordni sabiex izarma illi wara ftit regghu gew il-Pulizija u arrestawh, minkejja l-fatt li huwa kien xi tletin pied il-boghod minn missieru. Tommy Mifsud ( a fol 156 u 157) spjega illi l-kaxex il-godda ma kinux hasbu ghal passagg immarkat A B C D fuq il-pjanta ( a fol 166) u spazju bizzejed ghal-vetturi tal-*hawkers*. A fol 161 Tommy Mifsud xhed illi skond il-kaxxex godda kien veru illi huwa kien qieghed jarma f'parti mill-kaxxa ta'Farrugia. In ri ezami TommyMifsud xhed illi huwa kien armat skond il-linji antiki u cioe il-inji li kien qalilhom Edwin Vassallo. Tommy Mifsud ( a fol 164) xhed illi l-Pulizija baghqu jissikkaw lill missieru biex izarma u jersaq skond il-linji il-godda. Tommy Missud cahad li pprova jsawwat lill Alan Farrugia, cahad ukoll li gharraq xi hwejjeg ta' Farrugia jew li heddu.

Roderick Galdes (a fol 169) xhed illi kien cempillu l-imputat Emmanuel Mifsud (senior) u nfurmah b'xi battibek bejn l-imputati Mifsud u Alan Farrugia u li il-Pulizija kienu arrestawlu lit-tfal tieghu. Galdes eks Sindku ta' Hal Qormi xehed illi kien ha sehem attiva fl-organizzazzjoni tal-hawkers ta' Hal Qormi, huwa dahal fid-detall dwar il-problemi tal-*hawkers* il ghaliex kien hemm ghadd ta' hawkers li kienu inqabbzu meta regghu gew imfassla il-linji godda. Galdes xehed illi kien cempel lis-Supretendent fuq l-arrest tal-ahwa Mifsud u li dan kien

irrispondih, li dawk kienu nies kriminali il ghaliex kellu nformazzjoni illi kien twettaq xi sfregju. Galdes xehed illi meta ndaga ma irrizultalu xejn minn dan. Galdes ikkonferma liminhabba li kien hemm hafna iktar *hawkers* minn kaxxex huwa kien jaf li l-*hawkers* ma kinux izommu ezatt mal-linji u ikkonferma l-istruzzjonjiet ta'Edwin Vassallo. A fol 173 Galdes xhed illi huma kienu taw struzzjonijiet lil bejjiegha tal-monti sabiex b'mod temporanju jibghu jokkupaw il-postijiet li kienu jokkupaw f'dawn l-ahhar ghoxrin sena. Gew ezebiti ir-ritratti minn AF sa AF2 .

L-imputat Emmanuel Mifsud (junior) ikkonferma x-xhieda tal- ko imputati tal-kaxxex li gew moghtija lilhom (Mifsud). Huwa xhed illi l-Pulizija kienu gew u ordnawlhom izarmaw u jergghu jarmaw skond il-linji l-godda. U huma nfurmawhom li huma kienu qeghdin skond kif kien qallihom Edwin Vassallo MP. Emannuel Mifsud xhed illi dak il-hin ma setghux izarmaw ghaliex kien hemm kwantita kbira ta' nies. Wara ftit telqu il-Pulizija u hu u huh Tommy baqqghu jaqdu in-nies waqt li missieru kien ressaq lejn Alan Farrugia u dam ikellmu xi hames minuti. Emmanuel Mifsud (junior) ikkonferma x-xhieda ta'missieru, kif huwa gibed lill missieru lura u kif Farrugia tfixkel fil-hadid tieghu stess u waqa'. A fol 187 Emmanuel Mifsud (junior) xhed illi hu ra lill Alan Farrugia jgholli it-tilar u waqqghu xi hwejjeg min fuqu. Emmanuel Mifsud (junior) xhed illi missieru kien rawwem lill Alan Farrugia bhala *hawker* fuq il-monti u dan qatt qabel kellu permess u filfatt missierhom kien mar jitkellem mal-Pulizija ghaliex iddispjacih li Alan Farrugia battlu l-Pulizija. Emmanuel Mifsud (junior) xhed illi missieru kien mar ikellmu bil-kelma it-tajba, u Farrugia ma rrispondih xejn izda gholla it-tilar, waqt illi hu (Emmanuel Mifsud (junior)) gibed lill missieru sabiex ma jinkwetax, ghaliex kellu qalbu minsusa, illi wara dan Alan Farrugia waqa' fil-hadid tieghu stess. Emmanuel Mifsud (junior) ma setghax jghid kif twettqet il-hsara fil-*cash register* ghaliex din is-soltu tkun stivata fil-*van*.

Ikkunsidrat

Il-provi fuq elenkati juru b’mod car illi meta l-kwerelant Alan Farrugia hass ruhu urtat li l-imputati kienu qed jokkupaw parti mill-kaxxex tieghu u ghamel ilment mas-Sindku u sussegwentament mal-Pulizija li effettivament gew fuq il-post, l-imputat Emmanuel Mifsud inkorla u mar ghas-sodisfazzjon, qabad lill Farrugia minn sidru waqt li z-zewg imputati l-ohra ccirkondawh  li aggredewh ukoll.

L-feriti huma dawk li jirrizultaw fic-certifikat mediku li gie debitament konfermat mit-tabib li rrelaxxah.

Il-verzjoni tat-tlett imputati Mifsud li kien Alan Farrugia li gholla t-tilar u waqqa il-hwejjeg u kisser il-*cash register*, li telaq jigri u tfixkel fil-hadid, la hi verosimili wisq anqas ghandha mis- sewwa u l-Qorti ssib li mhiex affidabbli a tenur tal-Artikoli 637 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’Malta.

Id-difiza ssollevat illi, in vista tal-legerezza tal-feriti ta’Alan Farrugia , l-azzjoni ma kienitx prosegwibbli ghajr bi kwerela tal-parti leza u li  dan ma sarx il ghaliex il-Pulizija regghu gew fuq il-post minn jeddhom.

Ikkonsidrat:

Illi huwa minnu illu l-griehi ta’Farrugia kienu ta’ natura hafifa, pero dan ma jfissirx illi l-feriti kienu ta’ “importanza zghira” ai termini tal-Artikoli 221 (3) u (4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’Malta. Dana ghaliex jirrizulta illi l-imputat qala daqqa ta’ponn kif jidher fic-certifikat mediku li ma jikkonsisthiex sempliciment f’ grief.
Jirrizulta b’modd l-aktar evidenti illi Alan Farrugia, **tenna r-rapport tieghu lill-Pulizija** meta dawn regghu gew imsejjha fuq **il-post minn nies ghaliex kienet qedgha ssehh glieda**.

Illi ghalhekk Farrugia, li kien diga tenna r-rapport tieghu lill-Pulizija, ma kienx tenut li jerga’ jinzel l-ghassa jaghmel rapport ulterjuri jew jipprezenta kwerela.

Id-difiza ssollevat ukoll l-ecezzjoni ta’preskrizzjoni fil-konfront tal-akkuzi ta’natura kontravenzjonali.  Din l-eccezjoni tqanqlet fil-kors tat-trattazzjoni meta il-

prosekuzzjoni ma kelliex l opportunita li tirribadixxi u tressaq il–provi taghha dwar din l-eccezzjoni. Ghaldaqstant tichad din l-eccezzjoni.

Il-Qorti sejra tghaddi biex tezmina l-akkuza tal-ksur tal-ordnijiet legittimi tal-Pulizija fil-konfront tal-imputati Mifsud.

Illi wara li din il-Qorti fliet bir-reqqa x-xhieda voluminuza f'dan r-regward, il-Qorti tqis illi l-istruzzjonijiet tal-Membru Parlamentari Edwin Vassallo lill-bejjiegha tal-monti, kienu mifuhma mill-imputati, bhala Ligi stabbilita. Illi ghaldaqstant, l-imputati, meta rrifjutaw l-ordni tal-Pulizija ma ghamlux dan biex jisfidaw l-Awotritajiet Kompetenti tal-pajjiz izda ghaliex verament hasbu li l-Pulizija kienu zbaljati u ma kienux gew aggornati bl-izviluppi li kien wettaq b'mod temporanju, in buona fede Edwin Vassallo MP.

F'dawn ic-cirkustanzi ebda Qorti ma tista' ssib htija fl-imputati.

Illi ghal rigward l-akkuza tal-hsara volontarja, din tirrizulta pprovata illi ghaliex dan sehh meta Tommy Mifsud gholla t-tilar ta' Farrugia. Illi dawn il-hsarat kienu stmati skond ix-xhieda ta'Farrugia li ma jeccedux il mija u ghorin ewro (120 Ewro) . Illi dawn ill-hsarat gew rapportati b'mod immediat lil Pulizija.

Illi ghal dawn il-mottivi il-Qorti ssib l-imputati hatja tal-ewwel (1), t-tieni (2), t-tielet (3), s-sitt (6) akkuza, mhux hati tar-raba' (4) u l-hames (5) akkuza, u wara li rat Artikoli 221, 339 1(e), 325 ,338 (dd), 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta, Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tilliberhom bil-kundizzjoni li jaghmlux reat iehor fi zmien tmintax -il xahar. Di piu tqieghed lill imputati Mifsud taht garanzija ta' mitejn tnejn u tletin Ewro (€232) ghal sena b'obbligazzjoni li ma jimolestawx lill Alan Farrugia jew il-membri tal-familja tieghu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------